**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 63/17 CZ**

**Bilven Limited (C 68547)**
**vs.**
**Dimbros Limited (C 32506)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-27 ta' Jannar 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf, sitt mija u tlieta w erbghin Euro u tmin centezmi (€1,643.08), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-kumpanija attrici bieghet u kkonsenjat materjal tal-kostruzzjoni, u offriet servizzi ta' radam, lill-kumpanija konvenuta, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha, u dan kif jidher fuq ir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi minkejja li l-kumpanija konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmija somma ta' elf, sitt mija u tlieta w erbghin Euro u tmin centezmi (€1,643.08), hija naqset milli taghmel tali hlas, u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, tghid il-kumpanija konvenuta ghalfejn m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, jikkundanna lill-istess kumpanija konvenuta sabiex thallas, lill-kumpanija attrici, s-somma ta' elf, sitt mija u tlieta w erbghin Euro u tmin centezmi (€1,643.08) rapprezentanti l-prezz tas-servizzi ta' radam u tal-materjal tal-kostruzzjoni, li gew rezi u forniti mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta kif hawn fuq inghad, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 550/2016 tat-12 t'April 2016, u bl-imghaxjiet, dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tlieta w erbghin Euro u tmin centezmi (€1,643.08) bl-imghaxijiet legali kif mitluba, u li jibdew joghoddu mid-data ta' kull fattura hekk kif elenkati fir-rendikont a fol. 2 tal-process, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur